MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 439/2014

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors  tar-rikorrenti li permezz tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet A B u C D zzewwgu nhar is-6 ta' April 2002 fil-Knisja ta' San Bastjan, Qormi, minn liema zwieg ma twieldux ulied;

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Roland Wadge fit-3 ta' Awissu 2004, kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;

Illi kif stipulat fil-klawsola numru erbgha (4) tal-imsemmi kuntratt, il-partijiet iddekadew irrevokabilment minn kull dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin, u ghaldaqstant ebda ammont ta' manteniment ma huwa dovut lil xi wiehed mill-partijiet;

Illi l-partijiet ilhom ghal dawn l-ahhar ghaxar snin jghixu hajja kompletament indepenenti minn xulxin u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw il-kriterji mposti mill-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iz-zwieg taghhom jigi xolt;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna illi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar is-6 ta' April 2002 jigi mahlul;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien iffissat minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registu Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Ottubru, 2014;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment mit-3 ta’ Awissu, 2004;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------